Secretariat for Catholic Education



# RIŻORSI TA' LITTERIŻMU ONLINE GĦALL-ĠENITURI

Linji gwida online għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tal-litterizmu.

## It-Tagħlim tal-Ħsejjes fil-Kliem

Gwida pass pass għat-tagħlim tal-ħsejjes fil-kliem (inklużi vidjows YouTube)





## IL-VANTAĠĠ LI TKUN BILINGWU

## IT-TAGĦLIM TA' KLIEM U SENTENZI

Gwida pass pass għall-qari u l-ortografija (inklużi vidjows fuq Youtube)





# Merħba

L-iskejjel reġgħu fetħu. Madankollu l-appoġġ tagħkom bħala ġenituri/kustodji tat-tfal tagħkom għadu ta' **IMPORTANZA VITALI**. Dan il-fuljett jipprovdi xi informazzjoni ġenerali dwar l-appoġġ fil-litteriżmu li intom tistgħu tagħtu lil uliedkom, matul is-sena skolastika li ġejja. Bħal dejjem (iżda wkoll fid-dawl tal-limitazzjonijiet u l-problemi li lkoll qed niffaċċjaw matul din il-pandemija globali) l-appoġġ tagħkom huwa essenzjali biex jiġu żviluppati l-**ĦILIET** meħtieġa tal-litteriżmu.

Il-*links* jipprovdulkom informazzjoni dwar il-programm tal-litteriżmu li qed isegwu l-iskejjel tagħna sabiex jippermettu lit-tfal taghkom isiru **KUNFIDENTI** fil-litteriżmu, billi jersqu aktar lejn strateġiji aġġornati. Il-*links* huma r-rakkomandazzjonijiet tal-iskejjel tagħna għal kif intom tistgħu ssostnu lil uliedkom id-dar. It-tfal se jieħdu gost b'dawn l-attivitajiet, u għandkom tibqgħu kalmi jekk it-tfal ma jaslux mill-ewwel. Jekk it-tfal ma jkollomx aptit, ippruvaw biddlu l-attivitajiet f'logħob. Ippruvaw sibu post speċjali, u ssettjaw ħin speċifiku. It-tfal jieħdu pjaċir jagħmlu l-affarijiet mal-ġenituri/kustodji tagħhom, anke jekk dan jinvolvi qari u kitba!

**FTAKAR! JEKK INTI TIEĦU PJAĊIR, IT-TIFEL / TIFLA TIEGĦEK JIEĦU PJAĊIR UKOLL!**

IKKLIKKJA HAWN biex tidħol fil-filmat li qed jintwera waqt il-laqgħat tal-litteriżmu **għall-ġenituri tal-kinder**, li qed isiru fl-iskejjel.

IKKLIKKJA HAWN biex tidħol fil-filmat li qed jintwera waqt il-laqgħat tal-litteriżmu **għall-ġenituri tal-*year 1***, li qed isiru fl-iskejjel.

# 1. Riżorsi għat-tagħlim tal-litteriżmu

Ħloqna riżorsi biex ngħinu lit-tfal jiżviluppaw u jsaħħu l-ħiliet tal-litteriżmu, kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż. **IKKLIKKJA HAWN** biex taċċessa għajnuniet għat-tagħlim, sabiex it-tfal jaħkmu il-formazzjoni bażika tal-ittri, u jkomplu mexjin sa ma jaslu biex jaqraw u jiktbu sentenzi sħaħ.

## Programm tal-Ingliż (li jibda f'Settembru fil-maġġoranza tal-iskejjel)




Segwu l-passi fl-ordni mogħtija, u imxu minn livell għal ieħor. Fil-fowlders għandkom issibu **VIDJOWS** , **FLASHCARDS** u **RISPORSI EDUKATTIVI OĦRA**. Segwu l-vidjows l-



e.ż. Fowlder *Step 01* fih dawn ir-risorsi:




Agħfas fuq Practising Reading 4+1 (fil-fowlder Reading) sabiex issegwi l-proġramm tal-qari.









Agħfas fuq Spelling Video (fil-fowlder Spelling) sabiex issegwi l-programm tal-kitba.




## Programm tal-Malti (li jibda f'Jannar fil-maġġoranza tal-iskejjel)

Ir-riżorsi tal-Malti huma aċċessati b'mod simili. Il-folders **Qari** u **Kitba** fihom riżorsi biex jikkonsolidaw il-qari u l-kitba tal-Malti, rispettivament. Għal darb'oħra, il-ħiliet huma kklassifikati sabiex it-tfal jistgħu jibdew mill-livell preferut. Il-passi kollha huma nnumerati għall aċċessibilita' aħjar.



# 2. Il-Vantaġġ li tkun bilingwu



Malta hija soċjeta bilinġwa, minħabba l-fatt li l-iskejjel tagħna jgħallmu kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż. Li tkun bilingwi għandu l-vantaġġi tiegħu. Persuni bilingwi jsibuha aktar faċli biex jiffukaw fuq biċċiet ta' xogħol fl-istess ħin. Huma jsibuha aktar faċli biex jitgħallmu aktar lingwi. Għalkemm ħafna mill-iskejjel tal-Knisja jibdew jgħallmu l-alfabet bl-Ingliż f'Settembru u mbagħad jibdew il-Malti f'Jannar, huwa rrakkomandat li t-tfal jiġu esposti għal ħiliet orali u mitkellma kemm għall-Malti kif ukoll għall-Ingliż simultanjament.

Għalkemm il-maġġoranza tal-iskejjel jibdew jgħallmu l-alfabet Ingliż, huwa kruċjali li l-lingwa Maltija tiġi msaħħa (fit-taħdit u s-smigħ). Hawn taħt għandek issib xi *links* utli għal stejjer, kanzunetti u riżorsi oħra bil-Malti.

**AQRA KEMM JISTA' JKUN KOTBA BIL-MALTI!**

Riżorsi rilevanti:

Dawn huma uħud mill-ħafna kanzunetti u stejjer li tista' ssib fuq Youtube. Ikklikkja biex taċċessa.

**Kanzunetti bil-Malti**

**Stejjer bil-Malti**

**Numri bil-Malti**

**L-Alfabett Malti**

# 3. Għarfien fonoloġiku

L-ewwel pass għall-qari u l-kitba huwa li tagħraf l-ħsejjes fi kliem mitkellem. Il-kliem mitkellem huma magħmul minn biċċiet ta’ ħsejjes iżgħar, bħal ħsejjes li bihom jibdew u jispiċċaw il-kliem, u s-sillabi. Dan l-għarfien jissejjaħ **GĦARFIEN FONOLOĠIKU**.

Huwa importanti ħafna li tfal żgħar jimmanipulaw u jilagħbu bil-ħsejjes fil-kliem, sabiex jaslu għal **QARI** mingħajr tbatija. Ikklikkja hawn biex taċċessa s-sett ta 'riżorsi li ħloqna biex ngħinu lit-tfal jiżviluppaw għarfien fonoloġiku (l-1 pass).




Il-ħiliet huma kklassifikati f'ordni ta’ diffikultà, bl-attivitajiet ħfief ta' smigħ jinstabu fil-bidu tal-lista, u l-attivitajiet ta’ smigħ aktar kumplessi, bħal *blending* u kliem li jirrima, jinstabu lejn l-aħħar tal-lista. Kull livell jipprovdi numru ta 'attivitajiet li jistgħu jitwettqu matul il-ġimgħa, biex tiġi msaħħa ħila partikolari (it-2 pass). L-attivitajiet huma sempliċi biex issegwi u spjegati b'mod ċar (it-3 pass).



# 4. Dislexia

Id-dislexia hija diffikultà fit-tagħlim li tista' tikkawża problemi bil-qari, kitba u ortografija. Hawn taħt hawn links biex jgħinuk tifhem aħjar din l-kundizzjoni, biex taffaċċja aħjar l-isfidi ta' din id-diffikultà.

Identifikazzjoni - https://youtu.be/xOI78tkN0rQ

Id-dislexia - https://youtu.be/DgHDQeZ5QuA

Il-Posittiv tad-Dislexia - https://youtu.be/d4VRjQnBoWM

Memorja, Organizzazzjoni u Konċentrazzjoni - https://youtu.be/KFdvzzkr6Vo

L-Isfidi tad-Dislexia - https://youtu.be/_t9IsQQH7WI

Litteriżmu - https://youtu.be/JJ-T_yPf05Q

Matematika - https://youtu.be/saJxN8PlFq4

L-Użu tat-Teknoloġija - https://youtu.be/nAeXu20V19w

L-Impatt Emottiv - https://youtu.be/eUV6xHYH3CU

# 5. Fejn tista' ssibna

Secretariat for Catholic Education Website

Literacy and Numeracy Facebook Page

Numeracy Youtube Channel

Literacy Youtube Channel

